**25 ta' Mejju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Francis *sive* Frank Refalo

*versus*

Lawrence *sive* Lorry Sapiano *et noe*

**Turiżmu – Kuntratti ta' *Charter Party* u ta' *Fornitura ta' Handling Services***

*Kwistjoni prettament fattwali. L-interess tal-kawża mhux tant il-fatti daqs kemm id-dawl li tixhed fuq in-natura tal-kuntratti fl-industrija tat-turżimu.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-kompetenza Superjuri bħala Qorti Kummerċjali li biha l-attur ippremetta: li matul is-sena 1979 l-attur kien ftiehem mal-konvenut Sapiano li dan Refalo jġorlu turisti f'Għawdex u jtihom *lunches* u wara l-istess Refalo jitħallas ta' kollox mingħand il-konvenut Sapiano; li matul l-istess sena 1979 l-attur ġarr ħafna turisti u ta ħafna *lunches* u servizzi oħra lill-istess turisti u l-attur fadallu jieħu mingħand il-konvenut Sapiano għal dan ix-xogħol il-bilanċ ta' elf tliet mija u erba' u disgħin liri maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm1394.75,0); li għalkemm il-ftehim oriġinali sar bejn l-attur u Sapiano, fil-kors ta' dawn is-servizzi Sapiano informa lill-attur li minn ċertu żmien 'il quddiem kellu jibda jikkontattja lill-konvenut Caruana Soler, però l-attur informa lil Sapiano li (l-attur) miegħu (Sapiano) kellu x'jaqsam; u li l-attur baqa' jagħmel dawn is-servizzi kif ser jiġi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawża, u baqa' ma tħallasx il-bilanċ fuq imsemmi hekk dovut; u talab li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom biex iħallsu jew iħallas lill-attur elf tliet mija u erbgħa u disgħin lira u ħamsa

u erbgħin ċenteżmi (Lm1394.75,0) hekk lilu dovuti kif fuq ingħad. Bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Sapiano:

1) li din il-Qorti hija inkompetenti *stante* li l-konvenuti huma t-tnejn Maltin u għalhekk jeċċepixxu l-*privilegium fori;*

2) fil-mertu, li l-eċċipjent jaqbel mal-konvenut tal-paragrafi (1), (2), (4) u (5), imma dwar il-paragrafu (3) l-eċċipjenti ma kien għad fadallu ebda bilanċ ma' l-attur (l-eċċipjent qiegħed jirriferixxi għall-paragrafi tad-dikjarazzjoni ta' l-attur);

3) li l-attur kien qal lill-eċċipjent kemm-il darba li hu ma ried xejn mingħandu, billi kien jaf li l-bilanċ kien dovut minn Caruana Soler;

4) li skond il-ftehim datat 4 ta' Settembru, 1979 bejn Caruana Soler u l-eċċipjent, Caruana Soler ħa kollox f'idejh u sar responsabbli għad-dejn kollu u l-obbligi kollha li kien hemm;

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Sapiano: li għalkemm fis-sustanza huwa qabel mal-kontenut tal-paragrafi 1, 2, 4 u 5 tad-dikjarazzjoni ta' l-attur, ma jaqbilx li l-ftehim kien esklusivament bejn l-attur u l-eċċipjent, għax il-ftehim kien imdaħħal ukoll il-konvenut Caruana Soler, li kwantu għall-paragrafu 4 tad-dikjarazzjoni din mhix preċiża fis-sens li l-eċċipjent kien informa lill-attur ċar u tond li ma kellux iżjed x'jaqsam man-negozju u li Caruana Soler kien assuma d-drittijiet u l-obbligi kollha; u li l-konvenut Caruana Soler kien iffirma ftehim f'dan is-sens datat 4 ta' Settembru, 1979 li kopja tiegħu

qed tiġi esibita u mmarkata Dokument 'A', li l-attur għandu jipprova ħaġa b'ħaġa x'kienu l-estensjonijiet, u d-dati rispettivi tagħhom iżda hu sottomess li anke jekk dawn jirriżultaw in parti qabel l-4 ta' Settembru, 1979, dawn għandhom jiġu akkollati lill-konvenut l-ieħor – jekk ippruvati – in vista tal-klawsola (1) ta' l-anness Dokument 'A' – salv *'apportionment'* intern bejniethom a *tenur ta'* Klawsola numru 3 sa fejn applikabbli; li in vista tal-premess, u bla preġudizzju għal dak eċċepit fin-nota prinċipali, jitlob iċ-ċaħda tad-domandi attriċi fil-konfront tiegħu billi ma għandux jagħtih xejn; jew li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju in vista ta' l-effetti tal-ftehim Dokument 'A';

*Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-*Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti Kummerċjali fit-13 *ta'* Mejju, 1983 li biha, *fil-kontumaċja tal-*konvenut Edward Caruana Soler, ikkundannat liż-żewġ konvenuti li jħallsu solidalment bejniethom lill-attur is-somma ta' elf tliet mija u erbgħin u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm1394.50,0) flimkien ma' l-imgħaxijiet *kummerċjali fuq l-istess ammont mis-6 ta'* Ottubru, 1979 sal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż, barra dawk deċiżi, kontra ż-żewġ konvenuti, u dana wara li kkunsidrat illi:

1. Bis-sentenza *in parte* tal-11 ta' Frar, 1983 din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Sapiano rigwardanti l-*privilegium fori* bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. Il-fatti tal-kawża kienu dawn. L-attur kien jaħdem ma' ċerti Frank Zarb u Joe Spiteri, li kellhom lanċa li biha kienu jġibu Għawdex it-turisti minn Malta. Il-parti ta' l-attur kienet li jirranġa t-trasport għal dawn it-turisti, u jeħodhom, barra minn

bnadi oħrajn, id-*Duke of Edinburgh Hotel* biex jippranzaw. Wara jniżżilhom ix-Xatt ta' l-Imġarr biex jirritornaw Malta permezz ta' l-istess lanċa. Il-lanċa kien jisimha "Il-Baħri" u sussegwentement *"Love Boat"*;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Lawrence *sive* Lorry Sapiano ppreżentata fis-17 ta' Mejju, 1983;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Sapiano ppreżentata fit-2 ta' Ġunju, 1983, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab ir-revoka tas-sentenza appellata in kwantu tqis lill-konvenut appellant solidalment debitur ta' l-attur fis-somma msemmija fl-istess sentenza billi jew tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju *in vista* ta' l-iskrittura Dok. A (u l-fatt li din teżentah retroattivament minn kull obbligu lejn terzi u tal-fatt li din ġiet aċċettata mill-attur appellat) jew tiċħad it-talba attriċi fil-konfront tal-konvenut appellant peress li mhux suffiċjentement ippruvata kontrih, riservata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li tista' tingħata fi kwalunkwe stadju tal-kawża, – bl-ispejjeż taż-żewġ istanti kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat Francis *sive* Frank Refalo ppreżentata fil-15 ta' Lulju, 1983;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant Sapiano qiegħed jissottometti bħala aggravju li l-attur imissu ħarrek biss lill-konvenut l-ieħor Caruana

Soler u mhux lilu wkoll billi l-attur kien aċċetta li jirrilaxxjah minn kwalunkwe solidarjetà fl-obbligazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni. Skond il-konvenut appellant, l-ewwel Qorti ma tatx biżżejjed piż għal diversi aspetti tax-xhieda tiegħu li jikkontradiċu direttament dak li xehed u sostna l-attur. L-ewwel Qorti, dejjem skond il-konvenut appellant, ma esiġietx l-aħjar prova tal-prestazzjonijiet u ċjoè r-reġistri tan-negozju a rigward in-numru tat-turisti u l-kontijiet jew irċevuti tad-*Duke of Edinburgh Hotel* a rigward tal-*"lunches"* u spejjeż konnessi;

Ikkunsidrat:

Jidher *minn eżami* tal-proċess li l-konvenut appellant mhux qed jiċħad illi huwa flimkien mal-konvenut l-ieħor Caruana Soler kien kompla jagħmel l-istess negozju li qabel kien jagħmlu Spiteri u Zarb. Dawn kienu jieħdu t-turisti Għawdex bil-lanċa, imbagħad l-attur kien iġorr it-turisti f'Għawdex u *inter alia* jħallas għall-ikel tagħhom fid-*Duke of Edinburgh Hotel,* liema ħlas kien imbagħad jiġu rimborsat lilu minn Spiteri u Zarb. Infatti l-konvenut appellant xehed (fol. 52): "Lil Spiteri u Zarb jien kont nafhom billi kien ġiebhom Caruana Soler u jiena u Caruana Soler ħadna l-lanċa minn għandhom. Allura jien u Caruana Soler flimkien ċempilna lil Roger Portelli (il-proprjetarju tal-*Hotel)* u għidnielu li aħna konna se nibqgħu nagħmlu l-istess negozju miegħu kif kienu jagħmlu Spiteri u Zarb";

Il-konvenut appellant għalhekk ma jistax jippretendi illi huwa u Caruana Soler ma assumewx li jħallsu lill-attur għall-flus li hu jkun sborża u ħallas lill-Hotel għall-ikel tat-turisti bl-istess mod li kienu jħallsuh l-imsemmija Spiteri u Zarb u fil-fatt, kif jidher mhux ikkontestat, kien sar lill-attur pagament ta' Lm494.50, b'*cheque* relattiv għall-perijodu immedjatament qabel

Lulju, 1979;

Dak li qiegħed jippretendi l-konvenut appellant huwa li bi skrittura privata datata 4 ta' Settembru, 1979 (Dok. H fol. 36) bejnu u Caruana Soler, dana kien assuma l-obbligazzjonijiet li kienu daħlu għalihom flimkien qabel dik id-data kif ukoll għall-futur, salv il-konteġġi interni ta' bejniethom;

Issa għandu jiġi osservat illi l-imsemmija skrittura ta' l-4 ta' Settembru, 1979 kienet għall-attur *''rest inter alios acta''* u dak li setgħu ftehmu bejniethom il-konvenuti lilu ma kienx jorbtu, ammonochè ma jkunx aċċettah;

Ma jirriżultax li kopja ta' l-imsemmija skrittura jew il-kontenut tagħha qatt ġew ikkomunikati lill-attur. Hemm biss fil-proċess f'dan ir-rigward id-deposizzjoni tal-konvenut appellant u dik ta' l-attur;

Min-naħa tiegħu l-konvenut appellant xehed (fol. 54): ''L-għada li ffirmajna l-iskrittura ta' l-4 ta' Settembru, 1979, jien ġejt Għawdex u kellimt lill-attur personalment u għidtlu illi jiena ma kelliex iktar x'naqsam ma' dan in-negozju, imma kien Caruana Soler''. Dawn il-kliem tal-konvenut appellant ċertament ma jistgħux jiftiehmu illi huwa kien qal lill-attur li l-obbligi tiegħu u tal-konvenut l-ieħor Caruana Soler sa dik in-nhar kien assumihom dana Caruana Soler waħdu u li l-attur kien aċċetta li jiġri hekk. L-iktar li jistgħu jwasslu l-imsemmija kliem tal-konvenut appellant huwa li huwa minn dik in-nhar li kellem lill-attur ma kellux x'jaqsam miegħu dwar in-negozju in kwistjoni, ċjoè fi kliem oħra, li huwa ma kienx iżjed responsabbli;

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li skond l-istess konvenut

appellant, meta kien għamel l-imsemmija skrittura ta' l-4 ta' Settembru, 1979, *mal-konvenut* Caruana *Soler*, dana kien infurmah li l-kontijiet dovuti lill-attur sa dik in-nhar kien kollha ħallashom. Għalhekk kien wisq naturali li meta l-għada kellem lill-attur, huwa ma kellmux dwar il-kontijiet sa dik in-nhar (billi dawn skond ma ħaseb kienu ġew sodisfatti *minn* Caruana Soler) iżda dwar obbligi futuri. Ma hemmx għalfejn jingħad li jekk Caruana Soler ma *qallux* il-verità (u ma *jidhirx* li qallu), dik hija ħaġa li l-konvenut appellant irid jaraha ma' l-istess Caruana Soler, iżda qatt ma *jista'* jippretendi fil-konfront ta' l-attur li inħeles mill-obbligi tiegħu sa dik in-nhar billi l-attur qatt ma kienx ħellsu minnhom;

Il-Qorti għalhekk tikkonkludi li anke a bażi biss tad-deposizzjoni tal-konvenut appellant, huwa baqa' responsabbli fil-konfront ta' l-attur għal dak li kien dovut sa dak in-nhar ta' l-iskrittura;

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk il-konvenut appellant baqax responsabbli għal dak li sborża l-attur għall-ikel tat-turisti wara l-imsemmija skrittura;

F'dan ir-rigward, kif ġà ngħad, anke l-attur ta x-xiehda tiegħu. Huwa xehed (fol. 15): ".....imma darba minnhom meta ċemplitlu Sapiano qalli illi minn dak in-nhar kelli nibda nittratta mal-konvenut Edward Caruana Soler u tani n-numru tat-telefon tiegħu. Sapiano ma qallix li Caruana Soler kien sar jibda jaħdem minfloku. Qalli biss li Caruana Soler kien ser jibda jeħodlu ħsieb hu''. Meta reġa' xehed, taħt kontro-eażmi qal (fol. 44): "Kien fit-28 ta' Settembru, 1979 li l-konvenut Sapiano qalli, ċjoè semmieli lil Dwardu Caruana Soler. Il-kliem preċiż kien li qalli illi minn dik il-ġurnata 'l quddiem kien se jibda jeħodlu ħsieb

Caruana Soler. Qabel id-data li semmejt lil Dwardu Caruana Soler lanqas kont nafu'';

Il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul dwar liema miż-żewġ verżjonijiet għandha temmen – dik tal-konvenut appellant hi tal-fehma li hija iktar verosimili l-verżjoni tal-konvenut appellant. Infatti wara li saret l-iskrittura ta' l-4 ta' Settembru, 1979, ma kien hemm l-ebda raġuni l-għala l-konvenut appellant jgħid lill-attur li Caruana Soler kien se jibda jeħodlu ħsieb hu la darba b'dik l-iskrittura kien ċeda lil Caruana Soler id-drittijiet u l-obbligi naxxenti miċ-*charter party* b'mod li Caruana Soler sar *"the sole charterer of the said motor yacht* "Baħri" iżda kien hemm kull raġuni li jgħid lill-attur li ma kellux aktar x'jaqsam man-negozju. Il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel ma xehed l-attur kien li ċempillu l-konvenut appellant u qallu li minn dak in-nhar "kelli nibda nittratta mal-konvenut Edwarda Caruana Soler". Din l-ewwel verżjoni ta' l-attur tidher li taqbel mad-deposizzjoni tal-konvenut li anke għal din ir-raġuni hija aktar kredibbli. Hija wkoll leġittima l-mistoqsija: jekk skond l-attur ma kienx jaf lil Caruana Soler qabel it-28 ta' Settembru, 1979 għaliex ħarrku wkoll għall-kreditu pretiż minnu relattiv għall-perijodu qabel dik id-data? Il-Qorti ma tarax li hu kredibbli l-attur meta xehed li sa dik in-nhar lil Caruana Soler lanqas ma kien jafu. Dana Caruana Soler kien il-kaptan tal-*yacht* li kienet tieħu Għawdex it-turisti li kien jirċevihom imbagħad l-attur ma sarx jaf lil Caruana Soler. Il-Qorti tosserva wkoll li jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess attur (fol. 14, l-aħħar para.) li fl-1979 kien mar Għawdex Joe Spiteri u ġab tnejn oħrajn miegħu, Sapiano u fil-kumpless tal-provi, presumibilment l-imsemmi Caruana Soler, u f'dik l-okkażjoni Spiteri kien qallu li kienu krew il-lanċa;

Huwa veru li jidher mis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti kkunsidrat il-verżjoni ta' l-attur iżjed kredibbli billi l-konvenut appellant kien pjuttost retiċenti u ġieli pprova jevita l-mistoqsijiet (l-ewwel Qorti ma tgħidx liema) iżda għar-raġunijiet dettaljati mogħtija minnha iktar 'il fuq, il-Qorti ma tarax li tista' tasal għall-istess konklużjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

Isegwi għalhekk li l-konvenut appellant huwa tenut li jħallas lill-attur dak li hu dovut sal-5 ta' Settembru, 1979. Skond id-Dok. B huma dovuti s-somom ta' Lm511.70 għax-xahar ta' Lulju, 1979 u Lm422 għax-xahar ta' Awissu. Kwantu għall-perijodu mill-1 ta' Settembru, 1979 sa l-5 ta' Settembru, 1979 jidher li kien hemm b'kollox 109 turist adult u 14-il tifel li kkalkolati bir-rata ta' Lm1 għal kull turist adult u 50ċ. għal kull turist tifel (ara deposizzjoni ta' l-attur a fol. 42) iġġib is-somma ta' Lm116. Għalhekk is-somma totali dovuta mill-konvenut appellant hija ta' Lm1049.70,0. Il-Qorti ma tarax li, fl-istat tal-provi, m'għandhiex toqgħod fuq id-Dok. B kif spjegat fid-deposizzjoni ta' l-attur;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi fil-waqt li tikkonfermaha fil-konfront tal-konvenut Edward Caruana Soler fejn ikkundannatu jħallas is-somma ta' elf tliet mija erba' u digħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm1394.50,0) bl-imgħaxijiet kummerċjali fuq l-istess ammont mis-6 ta' Ottubru, 1979, tilqa' t-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut appellant limitatement għas-somma ta' elf disgħa u erbgħin lira Maltija sebgħin ċenteżmu (Lm1049.70,0) bl-imgħax kummerċjali fuq din l-aħħar somma mill-5 ta' Settembru, 1979 u tiċħadha għall-kumplament b'dan ukoll li tibqa' ferma s-solidarjetà bejn il-konvenuti biss sas-somma ta' Lm1049.70,0, fuq imsemmija. L-ispejjeż tal-

kawża, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza (ħlief dawk deċiżi bis-sentenza preliminari ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' Frar, 1983 u dawk tad-digriet mogħti fil-11 ta' Mejju, 1988 li jibqgħu kif deċiżi) jitħallsu kwantu għal nofs mill-konvenut Caruana Soler u kwantu għan-nofs l-ieħor, dawn jitħallsu kwantu għal tliet kwarti (¾) mill-konvenut appellant Sapiano, u kwantu għal kwart (¼) mill-attur u għalhekk il-konvenut appellant Sapiano għandu jħallas tliet parti minn tmienja (3/8) mill-ispejjeż totali tal-kawża u l-attr parti waħda minn tmienja (1/8) mill-istess spejjeż totali.